MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## DOREEN CLARKE

Seduta tas-6 ta' Jannar, 2015

Numru. 10/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Donald Galea**

**Kumpilazzjoni Nru: 10/2015**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Donald Galea, ta’ 48 sena, bin Michael u Josephine nee’ Gauci, imwieled Pieta’ fit-02 ta’ April 1966, residenti gewwa Fl 5, Roderick Flats, Triq Francesco Ximenes, Naxxar u detentur tal-karta ta’ l-identita numru 154066(M).

Akkuzat talli fit-02 ta’ Jannar 2015 ghal habta tal-4:00 ta’ filghaxija gewwa dawn il-Gzejjer fl-Imgarr:-

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna biza’ li ser tintuza vjolenza kontra Mary Galea mill-Imgarr, meta hu kien jaf jew imissu kien jaf li, b’tali imgieba tieghu, ser jikkaguna lil haddiehor biza’.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat bew b’mod iehor.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indicenti li joffendi l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika u/jew il-bon ordni b’ghajjat u/jew glied.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel waqt li kien qed jaghmel id-dmirijiet tieghu, jew b’xi mod iehor.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tipprovdi ghas-sigurta’ ta’ Mary Galea 107258M, Duncan Galea 26299M, Leanne Galea 519290M u Keith Bugeja

5559936M flimkien mal-piena, u torbot lil hati b'obbligazzjoni taht penali ta' somma ta' flus ffissata mill-Qorti.

Rat l-artikoli 251B u 338(m)(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenit esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni minn naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu; min-naha l-ohra hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija, l-ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u c-cirkostanzi li wasslu ghall-incident in ezami. Hadet in konsiderazzjoni ukoll dak sottomess mill-parte leza waqt it-trattazzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B u 338(m)(bb)(dd)(ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin. In oltre u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 412C ta’l-imsemmi Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta’ Mary Galea u għaż-żamma ta’l-ordni pubblika qed tpoggi lill-imputat taht ordni ta’ protezzjoni bil-kundizzjonijiet elenkati f’l-ordni mghoti kontestwalment u dan ghall-perjodu ta’ tlett (3) snin

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta’ din is-sentenza u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joghodx ghall-ordnijiet lilu mghotija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------